Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

L-Erbgħa,28 ta' Mejju 2025

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.06pm

**12.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

12.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

12.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal- Ħdax il- Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

12.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**12.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

12.3.1 Is- Sindku talab li matul it-tlett xhur tas- sajf għar-raġuni li l- Cleansing Department ma għadhomx joffru lil lokalita' ta' l-Mdina servizz ta' extra washing tat-toroq ġewwa l-Mdina, jitqabbad il-kuntrattur tal-Kunsill għal l-indafa u jsir ħasil tat-toroq principali ġewwa l-Mdina matul ix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru. Il-Kunsill approva unanimament.

12.3.2 Is- Sindku xtaq jirringrazzja kemm lil ħaddiema ta' l-uffiċċju kif ukoll kull min ha sehem fil-Medieval Mdina tas- suċċess kbir li kellu dan l-avveniment.

12.3.3 B'rabta mal-Medieval Mdina is- Sindku infurma lil Kunsill li kif jaf kulħadd sfortunatament matul il-festival ġie nieqes wieħed mill- leaders ta' re-enactment group partikolari u għalhekk kien hemm xi gruppi Maltin, mhux kollha, li ħassew li ma jistghux ikomplu jieħdu sehem f'dan l-avveniment minħabba li ġara lil wieħed minn sħabhom. Mal-gruppi kollha Maltin kien sar ftehim li jitħallsu remunerazzjoni għas-sehem taghom.

12.3.3.1 Għaldaqstant huwa kien qed jipproponi li dawk il-gruppi li ma komplewx jaghtu semgħom matul il-jumejn ta' festival jitħallsu nofs l-ammont dovut minn dak li ġie mifthiem magħhom.

12.3.3.1.2 B'rabta mal- Medieval, is- Sindku fuq stedina tiegħu stess ġab tlett re-enactors Maltin biex jilbsu lbies ta' dak iz-zmien medjevali u jieħdu sehem fl-attivitajiet. Huwa kien qed jipproponi li dawn jitħallsu s-somma ta' €150 kull wieħed. Il-Kunsill approva unanimament.

12.3.4 Is- Sindku talab lil Kunsill biex tiġi organizzata ħarġa ghal anzjani. Il-Kunsill ddecieda li din l-attivita' ssir fl-20 ta' Gunju 2025.

## 12.4 Rapport Amministrattiv

12.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Amminstrattiv għas-sena 2024. Kopja ta' dan ir-rapport kien ntbgħat lil Kunsill għal kunsiderazzjoni tiegħu

12.4.2 Ir-rapport amminstrattiv għas-sena 2024 kien propost għall- approvazzjoni mis- Sindku li kien issekondat mill- Kunsilliera, is- Sna C. Scerri. Ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 12.5 Rapport Finanzjarju għat- Tlett Xhur minn Jannar sa Marzu 2025

12.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn Jannar sa Marzu 2025. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal-Kunsill

12.5.2 Rapport finanzjarju ġie approvat mill-Kunsill unanimament

## 12.6 Management Lettr Awdituri tal-Kunsill- Risposta tal-Kunsill

12.6.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapport tal-NAO li jinkludi l-Financial Statements awditjati 2024 kif ukoll il-management letter tal-Awdituri u r-risposta tal-Kunsill

12.6.2 Is- Sindku ppropona li l-ittra tal-Awdituri għandha tiġi mwieġba kif irrakkomandat mill-accountant u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.08 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

12.8.1 SACES- Talba biex The Architectureal Student Expo jorganizzaw l-expo annwali ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill ma għandux venues fejn dan jista' jsir.

12.8.2 Uffiċċju tal-President- Talba biex ssir il-Fun Run (10K) fl-Mdina. Il-Kunsill approva.

12.8.3 Central Bank Malta- Il-Kunsill ġie nfurmat li l-prezentazzjoni tal- Munita li qed tikkomemora l-Belt ta' L-Mdina ser ssir nhar is- 6 ta' Ġunju 2025. B'rabta ma din il-munita, is- Sindku qal li huwa kien ta' l-opinjoni li jinxtraw xi sets ta' din il-munita u f'kaz li jkollna xi dinjitari li jiġu jzuru l-Mdina jew għal okkazjonijiet oħra, bħala tifkira tingħata bħal rikonoxximent set minn dawn il-muniti. Il-Kusnsill ddeċieda li jinxtraw 10 Mdin Citta Nobile Silver coin, 10 Maltese Walled Cities Mdina u 10 Dated Set 2025 including Maltese Walled Cities Mdina għas-somma totali ta' €1349.95.

## 12.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

12.9.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 28 ta' Mejju 2025 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 67,947.13

12.9.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill nanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**12.10 Tmiem tal- Laqgħa**

12.10.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 17.21pm u ġiet aġġornata għal-23 ta' Gunju 2025 fit-9am.

FFIRMATI

______________________

Peter Sant Manduca
Sindku

FFIRMATI

______________________

Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data:___23 ta' Ġunju 2025__